# Statement by Edward Fenech Adami on the results of the referendum (Valletta, 9 March 2003)

**Source:** Video clip 20/03 - Referendum on Malta's Membership in the EU - Prime Minister's Press Statement / Eddie Fenech Adami.- La Valette: Department of Information [Prod.], 09.03.2003. Department of Information, La Valette. - VIDEO (00:10:23, Couleur, Son original).
Department of Information - Government of Malta, 3, Castille Place, Valletta - Malta.

**Copyright:** Transcription CVCE.EU by UNI.LU
All rights of reproduction, of public communication, of adaptation, of distribution or of dissemination via Internet, internal network or any other means are strictly reserved in all countries.
Consult the legal notice and the terms and conditions of use regarding this site.

**URL:**
http://www.cvce.eu/obj/statement_by_edward_fenech_adami_on_the_results_of_the_referendum_valletta_9_march_2003-mt-cb9928ab-d275-4f73-a755-5a1028723963.html

**Last updated:** 09/08/2016

## Statement by Edward Fenech Adami on the results of the referendum (Valletta, 9 March 2003)

[Edward Fenech Adami] Sinjuri,

Fil-waqt illi l-proċess ta' l-għadd tal-voti tar-referendum għadu ma ġiex iffinalizżat, huwa pjaċir illi niddikjara illi mill-informazzjoni li għandi mill-istima ta' l-għadd tal-voti li sar s'issa u l-projettazzjoni ta' l-istess voti, jidher b'mod ċar ħafna illi l-poplu Malti approva d-domanda li saritlu u qal IVA biex Malta issir membru ta' l-Unjoni Ewropea fl-ewwel ta' Mejju tas-sena id-dieħla.

Irrid nirringrazzja lill-poplu Malti talli wieġeb għas-sejħa tar-referendum. Kif diġà ġie magħruf, in-numru ta' dawk li marru jivvutaw huwa madwar wieħed u disgħin fil-mija ta' dawk kollha li kellhom id-dritt għall-vot. Poplu li jivvota wieħed u disgħin fil-mija f'referendum juri illi huwa jemmen fil-valur demokratiku li deċiżjoni ta' importanza nazzjonali tittieħed direttament mill-poplu.

Kien hemm żmien meta kien hemm dubju jekk il-poplu Malti kienx sejjer jivvota bi ħġaru. Aħna mdorrijin illi fl-elezzjonijiet tagħna il-parteċipazzjoni hija għolja ħafna u irrid nerġa' nirringrazzja lill-poplu Malti li fehem l-importanza ta' din id-deċiżjoni u mar f'perċentwali daqshekk għolja biex jagħti il-fehma tiegħu. Tlieta u ħamsin fil-mija tal-voti validi li ntefgħu huma voti għall-IVA, jiġifieri li Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea. U mill-*projections* illi għandna jidher illi madwar ħamsa u erbgħin fil-mija tal-voti validi huma voti LE.

Deċiżjoni illi fiha nnifsha f'kull pajjiż demokratiku titqies bħala deċiżjoni ċara, wirja ta' rieda soda tal-poplu Malti, u irrid ngħid huwa aktar hekk fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-pajjiż illi nafu illi fil-politika huwa tista' tgħid dejjem maqsum min-nofs. Allura jiena għandi sodisfazzjon kbir illi wara kampanja ta' ħames ġimgħat, kampanja akkanita, kampanja li min-naħa tal-LE mhux dejjem kienet leali lejn il-poplu tagħna, għandna dan ir-riżultat pożittiv biex Malta issir membru. Naturalment issa huwa d-dmir tagħna lkoll li naraw li din ir-rieda tiġi rispettata u mwettqa. Jiena bħala Prim Ministru — lill-poplu tagħna  niżgura illi dak illi sejjer nagħmel minn għada stess. Nara li din id-deċiżjoni ta' importanza nazzjonali — il-poplu li fehem li l-aħjar ġejjieni għall-pajjiżna huwa li Malta tkun membru. Din ir-rieda kif ġiet dimostrata bil-vot tiġi attwata. Jiena naturalment naf illi l-kap ta' l-oppożizzjoni diġà għamel xi dikjarazzjoni fejn semma ċifri u numri. Naturalment fil-ġranet li ġejjin ikollna l-okkażjonijiet li nitkellmu wkoll fuq in-numri. Però n-numri importanti huma magħrufa, m'humiex sejrin jitbiddlu. Meta ngħidu wieħed u disgħin fil-mija ivvutaw f'dan ir-referendum, hija perċentwali għolja, hija perċentwali kemm kemm inqas minn dik li hija normali fl-elezzjonijiet. Fl-elezzjonijiet — per eżempju jekk nieħu l-elezzjoni ta' l-1998, kien hemm madwar ħamsa fil-mija illi ma marrux jivvutaw — ħaġa normali f' kull demokrazija. Jiena fhimt illi l-kap ta' l-oppożizzjoni qed jibbaża il-kalkolu tiegħu fuq il wieħed u disgħin fil-mija u forsi nesa wkoll li hemm il-mejtin fost dawk li kellhom id-dritt jivvutaw skond l-aħħar reġistru elettorali. U dawn ukoll ma ivvutawx. Però naħseb fid-dettalji u fl-argumenti inqas importanti żgur illi nitkellmu fil-ġranet li ġejjin.

Jiena rrid niddikjara ruħi sodisfatt ħafna b'dan ir-riżultat. U mhux biss s'issa kelli il-mandat fl-elezzjoni ta' l-1998 biex nara kif inwassal lil Malta fl-Ewropa, imma issa għandi il-volontà espressa direttament mill-poplu Malti wara li l-gvern tiegħi temm in-negozjati ma' l-Unjoni Ewropea. Għalhekk grazzi, grazzi minn qalbi lill-poplu tagħna li kkonferma d-deċiżjoni tal-Gvern.

Yes?

Ivan Camilleri minn Television Malta.

Prim Ministru. Kif taf inti, il-kap ta' l-oppożizzjoni ħabbar ukoll li min-naħa tiegħu iddikjara rebħa. Il-fatt li hawn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet miż-żewġ kampi opposti, ma jinkwetakx li jista' jkun li jinqala' xi nkwiet …

Le ma jidhirlix li … Ninkwieta jiena għal minn mhux leali mal-poplu tagħna kif esprimejt ruħi diversi drabi fil-kampanja tar-referendum. Però naħseb illi n-nies huma magħrufa u ma jien nara xejn ġdid u xejn inaspettat f'dak li qed jiġri.

Q Inti għadt li minn għada ħa tara li r-rieda espressa tkun rispettata u mwettqa minn għada stess. X'ridt tgħid?

Jiena il-Prim Ministru. Għada nlaqqa' l-kabinett biex nieħdu d-deċiżjonijiet opportuni.

Prim Ministru. … Karl Stagno Navarra minn Television News. L-Ewropa kollha kienet qed tistenna dan ir-riżultat. Kellek il-kuraġġ li ssejjaħ l-ewwel referendum mill-pajjiżi kandidati. X' messaġġ twassal lil-poplu Malti li ovvjament qed jagħmel relay message lil ħaddieħor.

Jiena naħseb aħna l-uniku pajjiż fejn hemm oppożizzjoni li uffiċjalment qiegħda tagħmel u għamlet kampanja qalila kontra il vot favur Malta fl-Unjoni Ewropea. Meta Malta, nonostanti din il-kampanja ħarxa u uffiċjali ta' l-oppożizzjoni, ir-referendum għadda u għadda b' maġġoranza tajba, jiena nawgura lil-pajjiżi — id-disgħa pajjiżi l-oħra kandidati fejn isir ir-referendum ikollhom riżultat bħal tagħna. Prim Ministru. Sinjura …

Prim Ministru. Ehm. Kont ser nistaqsik … Jekk ir-riżultat hekk hux ir-riżultat li kont qed tistenna.

Jiena kull meta staqsewni ġurnalisti, eh nista' ngħid illi kostantament għidt li jiena nistenna illi jkun hemm riżultat li ma jkunx inqas minn madwar tlieta u ħamsin fil-mija. U naħseb kont kważi profetiku.

[*Inaudible*] microphone …

Yes. I'll ask the question in English if you please. I had the same question as my colleague so the second question is: When do you expect the final results and you said that this thing about 53 % for years. How many votes have you counted so far? This is the question. Is it less than half or more than half?

It's more than half, and of course the projections could be made in less than half an hour after the counting started. I don't know how many of you are aware of the whole process. But the process and the way that we make our forecast is to take the first 50 ballot papers from each ballot box, and the result you get from that is almost always exact to the fraction — you know — of a whole integer.

Che cosa significa questa vittoria per Malta?

Significa molto per Malta. Che Malta ha fatto la decisione che ci aspetta. Vogliamo assicurare per noi stessi e per i nostri figli un futuro economico, un futuro stabile ed anche un sistema politico che funziona e che rispetta i diritti di noi tutti.

E le elezioni possono cambiare questo risultato o no?

Teoricamente si' e realmente no.

Prim Ministru, waqt il-kampanja elettorali kont għidt illi min jagħżel li ma jivvutax jew iħassar il-vot, ikun qed jarmi wieħed u tmenin miljun lira. Illum qed tgħid illi jgħoddu biss il-voti tal-LE. X'inhi il-verżjoni tiegħek illum?

Il-verżjoni tiegħi l-istess hija l-istess waħda. Kieku il-voti tal-LE kienu maġġoranza, Malta kienet tarmi, fost ħafna affarijiet oħra, wieħed u tmenin miljun lira. Però peress illi l-vot tal-LE kien ħamsa u erbgħin fil-mija, u l-vot ta' l-IVA huwa ta' tlieta u ħamsin fil-mija, ovvjament il-poplu iddeċieda li ma jarmix il-wieħed u tmenin miljun lira.

Prim Ministru, kellek xi forma ta' turija ta' appoġġ min-naħa ta l-Unjoni Ewropea s' issa, jew għadu kmieni?

Ehm, jiena naħseb li normalment wieħed ma joqgħodx biss fuq *projections* meta' jikteb uffiċjalment,

għalkemm ma neskludix illi jkun hemm min ukoll jibda jibgħat il-messaġġi, però sa ftit siegħat oħra jkun hemm riżultat uffiċjali.